MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 7/2015

**"A" sive "B"**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' "A" sive "B" (ID: xxxxxxM) datat 6 ta' Jannar 2015 fejn esponiet: -

Illi l-attrici twieldet bhala persuna ta' sess maskili u giet msemmija “A”, kif jirrizulta minn kopja ta' l-att tat-twelid, hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A;

Illi l-attrici ilha snin twal maghrufa minn kulhadd bhala “B”;

Illi recentement, l-attrici ssottomettiet ruhha ghal *gender reassignment surgery* gewwa l-Ingilterra, bl-ghan li s-sess taghha jinbidel minn maskili ghal femminili;

Illi dan l-intervent kirurgiku sar b'success, b'dan illi fizikament, l-attrici ghandha l-kwalitajiet fizici kollha ta' mara, u ghaldaqstant is-sess taghha inbidel ghal dak ta' mara, u dan kif certifikat mill-kirurgu James Bellringer, li kopja tieghu jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. L;

Illi l-effetti ta' dan l-intervent kirurgiku huma rreversibbli;

Illi l-attrici tixtieq li tigi rikonoxxuta bhala mara ghal kull effett u tenur tal-Ligi, u li d-dokumenti ufficjali kollha taghha jirriflettu s-sess gdid taghha u ghaldaqstant qieghda tintavola din l-azzjoni *ai termini* ta' l-Artikolu 257A *et seq* tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn il-fatti l-attrici tafhom personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:

1. Tiddikjara u tiddeciedi, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi, li l-attrici hija persuna ta' sess femminili ghal kull effett u tenur tal-Ligi;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel l-annotazzjoni necessarja sabiex fl-Att tat-Twelid tal-attrici, bin-Nru xxxx/xxxx is-sess ta' l-attrici jigi indikata bhala 'Female' [jew 'Mara'] minflok 'Male' [jew 'Ragel'];

3. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel l-annotazzjoni necessarja sabiex fl-Att tat-Twelid Nru xxxx/xxxx, precizament taht il-kolonna intitolata 'Isem il-Wild', isem l-attrici jinbidel minn "A" ghal "B";

Bl-ispejjez, kif indikat fl-Artikolu 257A(5) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u d-Direttur konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-seduta tat-12 ta' Frar 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 20 ta' Jannar 2015 (fol 15) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghall-premess, fir-rigward ta' l-ewwel talba, ir-rikorrent jehtieg li jgib provi li huwa persuna mhux mizzewga u *inoltre* domiciljata f'Malta, hekk kif jitlob l-**Artikolu 257A tal-Kap. 16** tal-Ligijiet **ta' Malta.** Ghalhekk l-esponent jistieden lir-rikorrent sabiex jipprezenta l-provi necessarji sabiex jigu sodisfatti fl-intier taghhom dawn il-kweziti tal-ligi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sabiex tirnexxi din l-azzjoni gudizzjarja din l-Onorabbli Qorti *"ghandha tinnomina periti biex jivverifikaw jekk il-persuna li tkun ghamlet l-azzjoni gudizzjarja, tkunx, fil-fatt, ghaddiet minn bidla irreversibbli ta' sess li ma jkunx dak indikat fl-att ta' twelid jew inkella jekk kenitx dejjem tappartjeni ghal dak is-sess l-iehor"* u dan *a tenur* ta' **l-Artikolu 257A (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

4. Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal-gudizzju savju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2015 fejn meta ssejjhet il-kawza deher Dr. James D'Agostino ghar-rikorrenti. Billi jirrizulta li l-esperti medici halfu r-rapport, Dr. D'Agostino talab li jigi ezentat milli jipproduci l-kirurgu Mr. Bellringer, biex jikkonferma l-fatt u l-ezitu tal-operazzjoni li isubixxiet ir-rikorrenti barra minn Malta. Dr. Cordina ma opponiex. Il-Qorti laqghet it-talba. Id-difensuri tal-partijiet qablu li din il-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba u halliet il-kawza ghall-25 ta' Gunju 2015, fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **257A *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna mhux miżżewġa li jkollha domiċilju f'Malta, li tagħmel talba ġudizzjarja biex issir annotazzjoni rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess li jkunu ġew assenjati lilu jew lilha fl-att tat-twelid.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament kif jirriżulta mill-Gażżetta tal-Gvern fit-13 ta' Jannar 2015[1].

[1] Fol.36 tal-process.

Illi jirriżulta mill-atti, senjatament mir-rapport tal-Kirurgu James Bellringer (Fol.30) li r-rikorrent ghadda minn *male to female gender reassignment surgery.* Aparti certifikati medici, r-rikorrent esebixxa affidavits u certifikati li jiddokumentaw in-narrattiva tal-hajja tieghu li ssostni l-ghazliet li ghamel.

L-istess rikorrent ikkonferma bil-gurament li hu domiciljat f'Malta u li mhuwiex mizzewweg.[2]

Skont dak rapportat mill-perizja medika esebita a fol.59 tal-process il-Qorti tqies li ġie sufficjentement stabbilit li l-attur ghandu s-sess femminili u li din tista' tigi meqjusa bhala kondizzjoni permanenti.

Ghalhekk it-talba odjerna tissoddisfa r-rekwiziti tal-Ligi, senjatament tal-artikolu **257A(2**) u **257B** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandha tigi milqugha.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **Tilqa'** t-talbiet attrici u cioe`:

1. **Tilqa' l-ewwel Talba** u tiddikjara u tiddeciedi, li l-attrici hija persuna ta' sess femminili ghal kull effett u tenur tal-Ligi;

[2] Seduta tat-12 ta' Frar 2015

2. **Tilqa' t-tieni Talba** u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel l-annotazzjoni necessarja sabiex fl-Att tat-Twelid tal-attrici, bin-Nru xxxx/xxxx is-sess ta' l-attrici jigi indikat bhala 'Female' [jew 'Mara'] minflok 'Male' [jew 'Ragel'];

3. **Tilqa' t-tielet Talba** u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel l-annotazzjoni necessarja sabiex fl-Att tat-Twelid Nru xxxx/xxxx, precizament taht il-kolonna intitolata 'Isem il-Wild', isem l-attrici jinbidel minn “A” ghal “B”.

Il-Qorti tordna wkoll illi minħabba n-natura tal-każ, il-partikolaritajiet tal-attriċi ma jissemmewx fil-kopja tas-sentenza pubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja, u għal kull *buon fini* tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem l-attriċi fuq il-meżżi tax-xandir kollha.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------